MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 83/2012

**Maria Debono u b'digriet tal-4 ta' Gunju 2013 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Grazio Debono f'ismu proprio u bhala mandatarju tal-assenti Karen Grima, Josette Portelli u Justin Debono stante l-mewt ta' Maria Debono fil-mori tal-kawza, Michelina Portelli, John Camilleri, Mario Camilleri, Paul Camilleri, Mariella Camilleri, Anthony Camilleri u Mario Paul Camilleri**

**Vs**

**Yvonne Debono**

Il-Qorti,

Illi permezz tar-rikors guramentat l-atturi ppremettew:-

Illi fis-sebgha (7) ta' Frar elf disa' mija u erbgha u disghin (1994) miet Paolo Camilleri, iben il-mejtin Salvu u Antonia nee Camilleri, imwieled u residenti n-Nadur, Ghawdex, missier u nannu rispettivament tal-kontendenti, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt tieghu mmarkat bhala Dok A;

Illi fit-tmintax (18) ta' April elfejn u sitta (2006) mietet Assunta Camilleri, armla tal-imsemmi Paolo Camilleri, bint il-mejtin Michele Sammut u Maria nee Cordina, imwielda u residenti n-Nadur, Ghawdex, omm u nanna rispettivament tal-kontendenti, u dan kif jirrizulta mill-anness certifikat tal-mewt tieghu mmarkat bhala Dok B;

Illi l-imsemmi Paolo Camilleri irregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment *unica charta* tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija tnejn u disghin (1992) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, li permezz tieghu nnomina bhala eredi universali tal-beni tieghu kollha mobbli u mmobbli, prezenti u futuri lill-hames uliedu Yvonne Debono, Michelina Portelli, Maria Debono, Guzepp Camilleri u Salvu Camilleri, u dan kif jirrizulta mill-kopja tat-testment hawn annessa u mmarkat Dok C;

Illi l-imsemmija Assunta Camilleri rregolat is-successjoni taghha bis-sahha ta' testment tat-tletin (30) ta' Ottubru tas-sena elfejn (2000) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani, li permezz tieghu kkonfermat it-testment taghha tas-sitta u ghoxrin (26) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) u nnominat bhala eredi universali tal-beni taghha kollha mobbli u mmobbli, prezenti u futuri lill-hames uliedha Yvonne Debono, Michelina Portelli, Maria Debono, Guzepp Camilleri u Salvu Camilleri, u dan kif jirrizulta mill-kopja tat-testment hawn annessa u mmarkat Dok D;

Illi l-imsemmi Guzepp Camilleri miet fit-13 ta' Jannar 2002 (certifikat tal-mewt anness u mmarkat Dok E) u miet intestat, u wirtuh il-hames uliedu l-atturi Ganni, Mario, Paul, Mariella u Anthony ahwa Camilleri [kopji tar-ricerki testamentarji annessi u mmarkati Dok F u Dok G];

Illi l-imsemmi Saviour sive Salvu Camilleri miet fl-20 ta' Frar 2007 (certifikat tal-mewt anness u mmarkat Dok H) u rregola s-successjoni tieghu bis-sahha ta' testment *unica charta* tad-dsatax (19) ta' Jannar tas-sena elf disa' mija u hamsa u disghin (1995) ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo (Dok I), li permezz tieghu nnomina bhala eredi universali tal-beni tieghu kollha in generali prezenti u futuri mobbli u mmobbli lil ibnu Mario Paul Camilleri, kif ukoll halla l-uzu u uzufrutt tal-beni tieghu lil martu Loreta Camilleri, (kopji tar-ricerki testamentarji annessi u mmarkati Dok J. U Dok K) li rrinunzjat ghad-drittijiet taghha ghas-successjoni tal-istess Saviour Camilleri permezz tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Joanne Cauchi fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hamsa (2005).

Illi l-kontendenti jew l-awturi taghhom fit-titolu ddisponew bonarjament minn parti tal-beni formanti l-assi ereditarji tal-mejjet Pawlu Camilleri permezz ta' att ta' divizjoni tas-sebgha u ghoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004), izda ma qablux mal-konvenuta dwar id-divizjoni tal-bqija tal-effetti ereditarji tal-konjugi Cmailleri minkejja diversi  nterpellazzjonijiet.

Illi l-atturi ma jridux jibqghu aktar fi stat ta' komunjoni ghar-rigward ta' l-assi ereditarji rimanenti tal-mejtin Paolo u Assunta Camilleri.

Illi l-esponenti taf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant l-atturi talbu lil din il-Qorti sabiex:

1. Tillikwida l-assi socjali konjugali tal-imsemmija Paolo u Assunta konjugi Camilleri billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'dawk il-beni kollha mobbli u mmobbli li jirrizultaw fil-kors tal-kawza;

2. Taqsam l-assi socjali konjugali f'zewg kwoti ugwali u tassenja nofs lill-wirt tal-imsemmi Paolo Camilleri u nofs lill-wirt tal-imsemmija Assunta Camilleri;

3. Tordna l-immissjoni fil-pussess tal-legati ordnati mill-konjugi Camilleri permezz taz-zewg testmenti fuq imsemmija;

4. Tillikwida l-assi partikolari ta' Paolo Camilleri billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli ohra li jirrizultaw matul il-kawza;

5. Tillikwida l-assi partikolari ta' Assunta Camilleri billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'nofs il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata u f'dawk il-beni l-ohra kollha mobbli u mmobbli ohra li jirrizultaw matul il-kawza;

6. Taqsam l-assi partikolari ta' Paolo Camilleri hekk likwidat f'hames porzjonijiet ugwali, li ghandhom jigu assenjati porzjon lil Maria Debono, porzjon lil Michelina Portelli, porzjon lil John, Mario, Paul, Mariella u Anthony ahwa Camilleri ulied il-mejjet Guzepp Camilleri, porzjon lil Mario Paul Camilleri bhala werriet tal-mejjet Saviour Camilleri, u porzjon lil Yvonne Debono, jew lis-superstiti taghhom.

7. Taqsam l-assi partikolari ta' Assunta Camilleri hekk likwidat f'hames porzjonijiet ugwali, li ghandhom jigu assenjati porzjon lil Maria Debono, porzjon lil Michelina Portelli, porzjon lil John, Mario, Paul, Mariella u Anthony ahwa Camilleri ulied il-mejjet Guzepp Camilleri, porzjon lil Mario Paul Camilleri bhala werriet tal-mejjet Saviour Camilleri, u porzjon lil Yvonne Debono, jew lis-superstiti taghhom.

8. Tahtar Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att ta' qasma opportun f'dik id-data, hin u lok li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, bl-intervent ta' kuraturi li jinhatru sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci.

9. Kemm-il darba jirrizulta li l-beni ta' l-imsemmija Paolo u Assunta konjugi Camilleri jew uhud minnhom m'humiex kommodament divizibbli bejn il-kontendenti, u prevja kull ordni li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa fir-rigward tal-pussess tal-imsemmija beni, tordna l-bejgh ta' l-istess

b'licitazzjoni sabiex ir-rikavat jigi percepit ugwalment bejn l-istess kontendenti fil-kwoti msemmija wara li jitnaqqsu l-ispejjez tal-proceduri odjerni;

Bl-ispejjez,, inkluz dawk tal-ittra ufficjali numru 159/2012, kontra l-konvenuta li hija minn issa ingunta in subizzjoni.

Rat li l-konvenuta fir-risposta guramentata eccepiet hekk :

1. Illi l-esponenti ma hijiex qeghdha topponi u qatt ma opponiet it-talba ghad-divizjoni tal-assi ereditarji tal-genituri taghha, purke' qabel xejn jigu korrettement individwati tali assi u l-konsistenza taghhom, u purke' wkoll jigu stabbiliti korrettement il-kwoti spettanti lil kull wiehed u wahda mill-kondividenti minn tali assi;

2. Illi b'danakollu l-esponenti topponi kull tentattiv da parti tal-atturi sabiex, taht il-pretiza ta' talba ghal divizjoni jinkludu fl-assi ereditarji tal-genituri tal-esponenti, proprjetajiet li ma kienu qatt jappartjenu lil dawk il-genituri;

3. Illi fid-dawl tal-pretensjonijiet ingustifikati u bla ebda bazi li l-atturi jew min minnhom qeghdin javvanzaw fuq proprjetajiet li qatt ma kienu jifformaw parti mill-ereditajiet tal-genituri taghhom, it-talba taghhom sabiex l-esponenti tigi akkollata bl-ispejjez ta' din il-kawza hija wkoll ingustifikata u ghandha tigi michuda u minflok l-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu akkollati nterament u eskluzivament lill-atturi nfushom.

4. Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghal sentenza parzjali.

Kunsiderazzjonijiet

Illi din il-kawza titratta l-likwidazzjoni u divizjoni tal-assi ereditarji li fadal tal-konjugi Poalo u Assunta Camilleri li kellhom hamest ulied – Yvonne Debono, Michelina

Portelli, Maria Debono, Guzepp u Salvu. Guzepp miet u wirtuh il-hames uliedu. Salvu wkoll miet u wirtu ibnu.

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-konsistenza ta’ l-assi ereditarji li fadal ghall-qasma bejn il-partijiet stante li l-kontendenti diga’ bieghu whud mill-assi ereditarji.

Illi jirrizulta mill-atti li hemm qbil fuq xi proprjetajiet li jifformaw parti mill-assi ereditarji mertu tal-kawza odjerna. Mis-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 jirrizulta li m’hemmx qbil dwar il-fond 4A, gia 4, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex. Filwaqt li l-atturi jsostnu li dan il-fond ghandu jifforma parti mill-assi ereditarji ta’ Pawlu u Maria Assunta Camilleri, il-konvenuta mhiex tal-istess fehma.

Illi l-attrici fin-nota taghha tirreferi ghall-kuntratt tat-12 ta’ Gunju 1980[1] in atti Nutar Dottor Giuseppi Cauchi u ssostni li dan il-fond, soggett ghal cens annwu u temporanju, gie akkwistat minn Poalo Camilleri minghand Dionesia sive Genesia Sammut.

F’dan il-kuntratt jinghad li Paolo Camilleri kien qieghed jixtri *‘il-lok ta’ djar li qieghed fl-imsemmi Nadur, fi Triq San Gakbu numru erbgha, soggett ghal sitt xelini u disa’ soldi cens temporanju fis-sena li fadallu biex jaghlaq xi disa’ snin, bid-drittijiet konsistenzi u pertinenzi kollha tieghu’.*

L-atturi jsostnu li minkejja li fl-istess kuntratt hemm indikat li c-cens fadallu xi disa’ snin sabiex jaghlaq, jirrizulta li l-koncessjoni enfitewtika originali kienet ghaz-zmien ta’ 150 sena dekoribbli mill-15 ta’ Awwissu 1933. Skonthom dan jirrizulta u gie kkonfermat mill-atturi Maria Debono u Michelina Portelli kif ukoll mill-konvenuta fil-kuntratt tal-11 ta’ Frar 1991[2] li permezz tieghu huma akkwistaw id-dirett dominju tal-istess fond.

Il-konvenuta ssostni li bil-kuntratt tat-12 ta’ Gunju 1980, Paolo Camilleri xtara biss *‘utile dominju ghal zmien ta’ disa’ snin’* u li jekk il-venditrici kellha utili dominju

[1] Dok M a fol 43 tal-process
[2] Dok N a fol 46 tal-process

temporanju ghal zmien itwal minn daqshekk, wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disa' snin, dak l-utili dominju temporanju r-reverta lura ghandha.

Illi l-Qorti wara li qrat il-kuntratt tat-12 ta' Gunju 1980 kif ukoll id-diversi kuntratti li gew prezentati in atti taqbel mal-posizzjoni li hadet il-konvenuta. Ir-ragunijiet huma s-segwenti:

i) Fil-kuntratt tat-12 ta' Gunju 1980, Paolo Camilleri xtara biss l-utli dominju ghal zmien ta' disa' (9) snin. Mhux kontestat li l-utili dominju rigwardanti dan il-post kien originarjament koncess ghal 150 sena dekoribbli mill-15 ta' Awwissu 1933. Mhux kontestat lanqas li l-fond inkwistjoni kien proprju l-oggett tal-koncessjoni enfitewtika li nholqot permezz tal-kuntratt tal-1933. Dan ifisser allura li meta gie redatt il-kuntratt fl-1980 ic-cens temporanju kien fadallu biex jaghlaq ferm aktar minn disa' snin. Kwindi Paolo Camilleri gie li akkwista l-utili dominju tal-fond *de quo* biss ghal disa' snin.

ii) Din l-interpretazzjoni hija wkoll korroborata mill-fatt li meta saret id-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* ta' Paolo Camilleri fit-8 ta' Lulju 1994[3] mill-hamest uliedu dan il-fond ma giex inkluz minnhom. Kwindi dakinhar hadd mill-kontendenti ma kien qieghed jippretendi li dan il-fond kien jappartjeni lill-assi ereditarji ta' Paolo Camilleri. Li kieku t-tezi attrici odjerna hija korretta dan il-fond kellu jigi wkoll inkluz izda d-disa' snin imsemmija fil-kuntratt tal-1980 kienu ghaddew.

iii) Kwindi wara l-iskadenza tal-perjodu ta' disa' snin l-utili dominju r-reverta lura ghand Dionesia sive Genesia Sammut.

iv) Mill-atti jirrizulta wkoll li Maria Debono, Michelina Portelli u Yvonne Debono permezz tal-kuntratt tal-11 ta' Dicembru 1991 in atti Nutar Dottor Paul George Pisani akkwistaw minghand il-Kurja Veskovili u l-'Veneranda Lampada' tal-Knisja Bazilika u Kollegjata tan-Nadur, *"id-*

[3] Dok YD9 a fol 69 tal-process

*dirett dominju annwu u temporanju ghaz-zmien kollu li baqa' mill-koncessjoni enfitewtika temporanja li saret ghall-perjodu ta' mija u hamsin (150) sena dekoribbli mill-hmistax (15) ta' Awwissu tal-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933), skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tal-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tal-elf disa' mija u tlieta u tletin (1933) u r-relattiv canone annwu u temporanju ta' sitta u tletin centezmu (Lm0.36) u l-konsegwenti assoluta proprjeta' wara l-iskadenza tal-istess enfitewsi fuq id-dar markata bin-numru erbgha ittra 'A' (4A) fi Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha"*.

v) Meta Dionisia sive Genesia Sammut mietet fit-28 ta' Novembru 2012, hija rregolat il-wirt u successjoni taghha bit-testment fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tad-29 ta' Lulju 1989 li permezz tieghu rrevokat kull testment iehor taghha u halliet u nnominat bhala eredi universali taghha lil Michelina Portelli, Maria Debono u Yvonne Debono.

vi) Fid-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* ta' Dionisia sive Genesia Sammut, Michelina Portelli u Yvonne Debono b'referenza ghal sehemhom iddikjaraw fit-28 ta' Novembru 2012 in atti Nutar Pisani li wirtu zewg terzi (2/3) tal-utili dominju fuq il-proprjeta' numru 4A, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex.

vii) Oltre' dan jirrizulta wkoll li dan il-fond jinsab irregistrat mar-Registratur tal-Artijiet fuq it-tlett ahwa Maria Debono, Yvonne Debono u Michelina Portelli sa mill-1996. Dak iz-zmien il-bazi tar-registrazzjoni kienet il-kuntratt tal-1991. Sussegwentement irregistraw l-assoluta proprjeta' fuq dan il-fond ghaz-zmien li kien fadal mill-koncessjoni enfitewtika.

viii) Kwindi wara l-mewt ta' Genesja Sammut l-utili dominju temporanju fuq dan il-fond gie amalgamat favur l-istess Maria Debono, Yvonne Debono u Michelina Portelli.

ix) Jirrizulta wkoll mill-atti li bis-sahha ta' zewg kuntratti fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tat-28 ta' Novembru 2012, Yvonne Debono u ohtha Michelina Portelli (attrici f'din il-

kawza) ittrasferew is-sehem taghhom minn dan il-fond lil Peter Paul Debono u dan it-trasferiment gie registrat mar-Registratur tal-Artijiet.

x) Filwaqt li l-attrici Maria Debono ghadha sallum registrata bhala proprjetarja tar-rimanenti terz indiviz minn dan il-fond.

Ghaldaqstant il-fond numru 4A gia 4, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex ma jiffurmax parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Camilleri in divizjoni.

Konsegwentement l-assi in divizjoni huma dawk li gew elenkati fin-nota guramentata ta' Maria Debono tal-15 ta' Jannar 2013 ad eskluzjoni tal-fond numru 4A gia 4, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex. Il-konvenuta fin-nota taghha tat-13 ta' Frar iddikjarat li kienet qeghdha taqbel mal-proprjeta' indikata taht il-Partita II – Assi Partikolari tal-mejjet Paolo Camilleri u hemm qbil ukoll mal-kwoti hekk kif indikati purche' dawn il-kwoti huma tan-nofs indiviz diga' spettanti lil Paolo Camilleri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq indikati, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi hekk:

(i) tiddikjara li l-fond numru 4A gia 4, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex ma jiffurmax parti mill-assi ereditarji tal-konjugi Camilleri in divizjoni;

(ii) tiddikjara li l-assi in divizjoni huma dawk li gew elenkati fin-nota guramentata ta' Maria Debono tal-15 ta' Jannar 2013 ad eskluzjoni tal-fond numru 4A gia 4, Triq San Gakbu, Nadur, Ghawdex u li huma ndikati taht il-Partita II – Assi Partikolari tal-mejjet Paolo Camilleri fi kwota ta' nofs indiviz.

Spejjez rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------